



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 7/22
il-Lussemburgu, 19 ta' Jannar 2022

Sentenza fil-Kawża T-610/19
Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni

**Il-Qorti Ġenerali tagħti lil Deutsche Telekom kumpens ta' madwar EUR 1.8 miljun
bħala kumpens għad-dannu li hija ġarrbet minħabba r-rifjut tal-Kummissjoni
Ewropea li tħallasha interessi moratorji fuq l-ammont tal-multa li hija ħallset
indebitament fil-kuntest ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni**

Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2014¹, il-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq il-kumpannija Deutsche Telekom AG multa ta' EUR 31 070 000 għal abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq Slovakk tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet broadband, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE.

Deutsche Telekom ippreżentat rikors għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni, filwaqt li ħallset il-multa fis-16 ta' Jannar 2015. Permezz tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Diċembru 2018², il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors ta' Deutsche Telekom u, billi eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, naqqset l-ammont tal-multa b'EUR 12 039 019. Fid-19 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rimborsat dan l-ammont lil Deutsche Telekom.

Permezz ta' ittra tat-28 ta' Ġunju 2019 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), il-Kummissjoni, għall-kuntrarju, irrifjutat li tħallas lil Deutsche Telekom interessi moratorji għall-perijodu bejn id-data tal-ħlas tal-multa u d-data tar-rimbors tal-parti mill-multa meqjusa bħala indebita (iktar 'il quddiem id-“perijodu inkwistjoni”).

Għalhekk, Deutsche Telekom adixxiet lill-Qorti Ġenerali b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas ta' kumpens għal-*lucrum cessans* minħabba ċ-ċaħda tat-tgawdija, matul il-perijodu inkwistjoni, tal-ammont prinċipali tal-parti mill-multa mħallsa indebitament jew, sussidjarjament, għall-kumpens għad-dannu li hija ġarrbet minħabba r-rifjut tal-Kummissjoni li tħallas interessi moratorji fuq dan l-ammont.

Permezz tas-sentenza tagħha, is-Seba' Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali tilqa' parzjalment ir-rikors għal annullament u għad-danni ta' Deutsche Telekom. F'dan il-kuntest, hija tipprovdi kjarifiki dwar l-obbligu tal-Kummissjoni li tħallas interessi moratorji fuq il-parti mill-ammont ta' multa li, wara sentenza tal-qorti tal-Unjoni, ikollha tiġi rimborsata lill-impriża kkonċernata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tiċċad it-talba ta' Deutsche Telekom intiża għall-kumpens, abbażi tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, għall-allegat *lucrum cessans* tagħha sofrut minħabba ċ-ċaħda tat-tgawdija, matul il-perijodu inkwistjoni, tal-parti mill-multa mħallsa indebitament u li jikkorrispondi għar-rendiment annwali tal-kapital investit tagħha jew għall-ispiża medja ponderata tal-kapital tagħha.

¹ Deċiżjoni C(2014) 7465 finali li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Każ AT.39523 — Slovak Telekom), irrettifikata bid-Deċiżjoni tagħha C(2014) 10119 final, tas-16 ta' Diċembru 2014, kif ukoll bid-Deċiżjoni tagħha C(2015) 2484 final, tas-17 ta' April 2015.

² Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, [T-827/14](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nruw 196/18](#)).

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni hija suġġetta għall-issodisfar ta' numru ta' kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi, ir-realtà tad-dannu kif ukoll l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur u d-dannu mġarrab, fatt li għandu jiġi pprovat mir-rikorrent.

Issa, f'dan il-każ, Deutsche Telekom ma pproduċietx provi konklużivi tan-natura reali u ċerta tad-dannu invokat. B'mod iktar partikolari, Deutsche Telekom la wriet li hija kienet neċessarjament tinvesti l-ammont tal-multa mħallas indebitament fl-attivitàjiet tagħha, u lanqas li ċ-ċaħda tat-tgawdija tal-imsemmi ammont wassalha tirrinunzja għal proġetti speċifiċi u konkreti. F'dan il-kuntest, Deutsche Telekom lanqas ma wriet li hija ma kellhiex il-fondi neċessarji sabiex tilqa' opportunità ta' investiment.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali teżamina t-talba għad-danni mressqa sussidjarjament minn Deutsche Telekom għal ksur tal-Artikolu 266 TFUE, li l-ewwel paragrafu tiegħu jipprevedi l-obbligu għall-istituzzjonijiet li att tagħhom jiġi annullat permezz ta' sentenza tal-qorti tal-Unjoni li jieħdu l-miżuri kollha li l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza tkun tinvolvi.

Il-Qorti Ġenerali tosserva, minn naħa, li, billi jimponi fuq l-istituzzjonijiet l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha li l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qorti tal-Unjoni tkun tinvolvi, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE jagħti drittijiet lill-individwi li jkunu rebħu l-kawża quddiem dik il-qorti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-interessi moratorji jirrappreżentaw komponent indispensabbli tal-obbligu tal-istituzzjonijiet ta' restawrazzjoni tas-sitwazzjoni skont din id-dispożizzjoni. Fil-każ ta' annullament u ta' tnaqqis ta' multa imposta fuq impriża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta, konsegwentement, **obbligu tal-Kummissjoni li tħallas lura l-ammont tal-multa imħallas indebitament, flimkien ma' interessi moratorji.**

Il-Qorti Ġenerali tippreċiża li, peress li, minn naħa, il-leġiżlazzjoni finanzjarja applikabbli³ tipprevedi kreditu ta' ħlas lura favur il-kumpannija li ħallset b'mod provviżorju multa sussegwentement annullata u mnaqqsa u, min-naħa l-oħra, l-annullament u t-tnaqqis tal-ammont tal-multa mwettaq mill-qorti tal-Unjoni għandu effett retroattiv, **il-kreditu ta' Deutsche Telekom kien jeżisti u kien ċert fir-rigward tal-ammont massimu tiegħu fid-data tal-ħlas provviżorju tal-multa.** Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet meħtieġa, b'applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, tħallas interessi moratorji fuq il-parti mill-ammont tal-multa meqjusa bħala indebita mill-Qorti Ġenerali, għall-perijodu kollu inkwistjoni. Dan l-obbligu huwa intiż li jikkompensa fil-forma ta' somma f'daqqa ċ-ċaħda tat-tgawdija ta' kreditu marbuta ma' dewmien oġġettiv u li jhegġegħ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni li timplika l-ħlas ta' multa.

Il-Qorti Ġenerali żżid li, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, l-obbligu li jitħallsu interessi moratorji ma jmurx kontra l-funzjoni dissważiva tal-multi fil-kawża ta' kompetizzjoni, sa fejn din il-funzjoni dissważiva tittieħed neċessarjament inkunsiderazzjoni mill-qorti tal-Unjoni meta hija teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tnaqqas, b'effett retroattiv, l-ammont ta' multa. Barra minn hekk, il-funzjoni dissważiva tal-multi għandha tiġi kkonċiljata mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jinsab fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li l-osservanza tiegħu hija żgurata permezz tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, ikkompletat bil-ġurisdizzjoni sħiħa fir-rigward tal-ammont tal-multa.

Il-Qorti Ġenerali tiċċad ukoll l-argumenti l-oħra mressqa mill-Kummissjoni.

Minn naħa, anki jekk l-ammont tal-multa mħallsa mir-rikorrenti ma ġġenerax interessi waqt li kien fil-pussess tal-Kummissjoni, din tal-aħħar kienet meħtieġa, wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018, tirrimborsa lir-rikorrenti l-parti mill-ammont tal-multa meqjusa bħala

³ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1) u Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1).

indebita, flimkien ma' interessi moratorji, mingħajr ma l-Artikolu 90 tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, li jirregola l-irkupru tal-multi, jostakola dan. Barra minn hekk, l-obbligu li jitħallsu interessi moratorji jirriżulta direttament mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE u l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza sabiex tistabbilixxi, permezz ta' deċiżjoni individwali, il-kundizzjonijiet li fihom hija tħallas interessi moratorji fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni li tkun imponent multa u fil-każ ta' tnaqqis tal-ammont tagħha.

Min-naħa l-oħra, l-interessi dovuti f'dan il-każ huma interessi moratorji u mhux interessi kumpensatorji. Fil-fatt, il-kreditu prinċipali ta' Deutsche Telekom kien kreditu ta' ħlas lura li kien marbut mal-ħlas ta' multa li kien sar b'mod provviżorju. Dan il-kreditu kien jeżisti u kien ċert fir-rigward tal-ammont massimu tiegħu jew tal-inqas determinabbli abbażi ta' elementi oġġettivi stabbiliti fid-data tal-imsemmi ħlas.

Fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni kienet meħtieġa tirrimborsa lil Deutsche Telekom il-parti tal-multa mħallsa indebitament, flimkien ma' interessi moratorji, **u li hija ma kellha ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward**, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li **r-rifjut li jitħallsu l-imsemmija interessi lil Deutsche Telekom jikkostitwixxi ksur serju tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, li jnissel ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni**. Fid-dawl tal-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-ksur ikkonstatat u d-dannu li jikkonsisti fit-telf, matul il-perijodu inkwistjoni, tal-interessi moratorji fuq il-parti tal-multa mħallsa indebitament, il-Qorti Ġenerali **tagħti lil Deutsche Telekom kumpens ta' EUR 1 750 522.38**, ikkalkolat permezz tal-applikazzjoni, b'analoġija, tar-rata prevista fl-Artikolu 83(2)(b) tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, jiġifieri r-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid f'Jannar 2015, jiġifieri 0.05 %, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinholq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.